MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 17/2002

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**Vs**
**Michael Salomone**
**Marcellino sive Marcel Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2002 kontra l-akkuzati Michael Salomone u Marcellino sive Marcel Cassar, li bih huma gew akkuzati talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li Anthony Borg li joqghod Hal-Luqa, kien bniedem li jislef ammonti kbar ta' flus lil haddiehor. Huwa kien isellef dawn l-ammonti kbar b'imghaxijiet gholja hafna, b'mod li kultant l-imghax dovut kien ikun ikbar mill-kapital misluf. Gara li f'xi zmien matul is-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) huwa silef ammont ta' madwar mitejn elf lira (LM200,000) lil Michael Salomone. Maz-zmien dan

Michael Salomone sab ruhu f'diffikulta' sabiex ihallas lura dan l-ammont flimkien mal-imghaxijiet gholja miftehema. Kien f'dan il-perjodu li Michael Salomone beda jifforma l-hsieb u l-intenzzjoni sabiex iwarrab min-nofs lil Anthony Borg u joqtlu. Pero' dan il-hsieb ma riedtx iwettqu wahdu u ra kif ghamel sabiex ihajjar lil min kien fl-istess diffikulta' mieghu sabiex jehilsu minn u joqtlu lill-imsemmi Anthony Borg. Kien ghalhekk li Michael Salomone u Marcel Cassar ftehemu pjan sabiex joqtlu lil Anthony Borg. Fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elf disa mija disa u disghin (1999) huma ddecidew li jfittxu lil Anthony Borg filwaqt li dana jkun ghaddej mit-triq u joqtluh billi itahhruh b'vettura Ford Transit numru JAE-149 li Marcel Cassar kien kera l-gurnata ta' qabel minghand certu Godwin Mifsud.
Fil-fatt, Anthony Borg, f'xi l-ghaxra w nofs ta' filghodu ta' dak in-nhar, kien ghaddej minn Gudja By Pass il-Gudja, u Michael Salomone u Marcel Cassar, li kienu ghaddejjin bl-imsemmija vettura, saqu ghal fuqu bil-ghan li jolqtuh u joqtluh bhala konsegwenza, halli mbaghad kollox ikun jidher bhala li kien accident tat-traffiku.
Izda fortunatament, b'din l-azzjoni ta' Michael Salomone u Marcel Cassar, Anthony Borg ma safax maqtul u ghalkemm effettivament ittajjar, garrab biss feriti ta' natura hafifa li b'danakollu hallewh ghal xi hin mitluf minn sensih. Fil-fatt ukoll, wara dan il-fatt, l-istess Michael Salomone u Marcel Cassar ma waqfux hemm bil-hsieb taghhom li joqtlu lil Anthony Borg, tant li kkuntrattaw xi Sqallin sabiex jigu Malta bl-iskop uniku li joqtlu lill-istess Anthony Borg. Pero' fortunatament dan il-pjan nefarju ta' Michael Salomone u Marcel Cassar skoprewh il-Pulizija w sfrattawh tempestivament.
Illi b'eghmilhom, l-imsemmija Michael Salomone u Marcellino sive Marcel Cassar saru hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'eriklu car, werew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Michael Salomone u Marcellino sive Marcel Cassar hatja ta' tentattiv ta' omicidju

volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, werew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w li kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm li jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 31(1)(a)(b)(I)(ii), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati;

2) U wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li wara li Michael Salomone u Marcel Cassar ma rrnexxielhomx fil-pjan taghhom li joqtlu lil Anthony Borg nhar it-12 ta' Jannar, 1999, huma ddecidew li jghattu l-atti kriminali taghhom halli ma jinqabdux mill-Pulizija. Kien ghalhekk li ftehmu li dak in-nhar stess jaghtu n-nar lill-imsemmi Ford Transit numru JAE-149 li kien mikri minn Marcel Cassar u li huma jiddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat ta' serq minn terzi njoti tal-istess vettura meta fil-fatt kienu jafu li tali reat qatt ma sehh, mhux talli hekk, imma talli kienu propju huma li kkommettew ir-reat deskritt u migjub fil-kap precedenti. Din id-denunzja qarrieqa ghamluha lill-Pulizija Ezekuttiva. Illi b'eghmilhom l-imsemmija Michael Salomone u Marcel Cassar saru hatja talli ddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarux, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmija Michael Salomone u Marcellino sive Marcel Cassar, hatja talli ddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarux, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17,110(2) u 533 tal-

Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati;

3) U wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li f'xi hin kmieni wara nofs in-nhar ta' nhar it-12 ta' Jannar, 1999, gewwa Hal-Far, in segwitu ghall-pjan taghhom li jiddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li kienu jafu li ma sarx, u in segwitu ghall-pjan taghhom, li ma rrnexxiex, sabiex joqtlu lil Anthony Borg, Michael Salomone u Marcel Cassar volontarjament taw in-nar lill-vettura Ford Transit numru JAE-149 li l-imsemmi Marcel Cassar kien kera minghand Godwin Mifsud in rappresentanza ta' Ranger Company Limited. Dana ghamluh sabiex jeqirdu kwalunkwe prova li setghet tinkriminhom u sabiex ma jinqabdux mill-Pulizija. Bil-hsarat li garrbet fin-nirien, l-imsemmija vettura soffriet danni li jeccedu l-hames mitt lira (LM500) Maltin, kollu ghad-detriment tal-imsemmi Godwin Mifsud.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija Michael Salomone u Marcel Cassar saru hatja talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, f'ammont ta' hsara li huwa izjed minn hames mitt lira.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmija Michael Salomone u Marcellino sive Marcel Cassar, hatja talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, f'ammont ta' hsara li huwa izjed minn hames mitt lira.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w li kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 325(a) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati;

4) U wara li fir-Raba Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li ghall-habta t'Awissu tas-sena 1998, Michael Salomone kienu ilu jahseb fi pjanijiet diversi ta' kif seta' jehles minn u joqtol lil Anthony Borg minhabba d-diffikultajiet finanzjarji li dan kien dahlu fihom. Pjan minnhom komuni kien li Michael Salomone jipprokura xi arma tan-nar halli tintuza, minnu jew minn haddiehor

komplici mieghu, fl-attentat fuq il-hajja tal-imsemmi Anthony Borg. Fil-fatt fl-imsemmi perjodu, Michael Salomone, x'imkien gewwa l-Qrendi, kien akkwista minghand certu Jason Cini u bil-prezz ta' madwar mitt lira, senter b'zewg kanen biswit xulxin u bl-iskratac mieghu. Izda wkoll, xi jien qabel gara dan kollu, l-istess Michael Salomone kien akkwista minghand l-istess Jason Cini pistola ta' lewn tal-fidda madwar sitt pulzieri tul u li kienet tidhol fil-but. Kemm is-senter kif ukoll il-pistola baqghu fil-pussess ta' Michael Salomone ghal xhur shah, u ghal dan il-pussess huwa qatt ma kien kopert b'xi licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.
Illi b'eghmilu l-imsemmi Michael Salomone sar hati talli naqas li jaghti avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, illi jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejh.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Michael Salomone, hati talli naqas li jaghti avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, illi jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejh. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira Maltija jew tal-prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 19 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota tal-akkuzat Marcellino sive Marcel Cassar tal-20 ta' Novembru, 2002 , li biha eccepixxa l-inammissibilita' ta' stqarrijiet ta' Michael Salomone w ta' Jason Cini in kwantu li fihom riferenza ghall-ismu w li biha ndika l-lista tax-xiehda tieghu .

Rat in-Nota tal-akkuzat Michael Salomone tas-26 ta' Novembru, 2002 li biha ndika x-xiehda li hu behsiebu

jingungi in difeza w li fiha ma ssolleva ebda eccezzjonijiet preliminari.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur ta' l-akkuzat Cassar u tal-Prosekuzzjoni fil-kors tas-seduta tas-6 ta' Jannar, 2003 ;

Rat in-Nota tal-akkuzat Cassar tas-6 ta' Jannar, 2003, li biha indika bi precizjoni l-folio tal-process u l-versi fejn hemm il-partijiet oggezzjonabbli fl-istqarrijiet u depozizzjonijiet ta' Michael Schiavone w Jason Cini .

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni registrat fl-istess seduta fejn il-Prosekutur Dr. Mark Said iddikjara li l-Prosekuzzjoni taqbel li kull riferenza li ghamel l-akkuzat Michael Salomone ghal ko-akkuzat Cassar , kemm fl-istqarrija jew fid-depozizzjoni guramentata tieghu , jekk tingieb a konjizzjoni tal-gurija , ghandha dejjem tkun akkumpanjata minn twissija tal-Qorti li kull ma ntqal minn ko-akkuzat m'ghandhiex tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat l-iehor , pero' in kwantu tirriferi ghall-stqarrijiet jew depozizzjonijiet tax-xhud Jason Cini , l-Prosekuzzjoni tissottometti li ma hemm xejn skond il-ligi li tirrendiha inammissibbli w ghalhekk talab li l-akkuzat Cassar jindika d-dispozizzjonijiet tal-ligi li fuqhom kien qed jibbaza din l-eccezzjoni.

Rat il-verbal ta' Dr. Anthony Farrugia ghall-akkuzat Cassar li bih ippreciza illi l-oggezzjoni tieghu tirrigwarda biss xi stqarrija ta' Jason Cini li ma gietx konfermata bil-gurament.

Rat il-qbil registrat bejn il-Proserkuzzjoni w d-difiza illi l-istqarrija ta' Jason Cini , kif sussegwentement ikkonfermata bil-gurament , tkun tista' tigi uzata w tingieb a konjizzjoni tal-gurija miz-zewg partijiet biss bl-iskop li tkun tista' tigi kontrollata l-versjoni tieghu moghtija "viva voce" quddiem il-gurati w dana skond il-ligi.

Rat in-Nota tal-istess akkuzat tal-istess data fejn illimita l-eccezzjoni tieghu ghall-istqarrijiet u depozizzjonijiet tal-ko-akkuzat u dana in vista tal-pozizzjoni li - bi qbil - ghandha

tiehu din il-Qorti dwar dikjarazzjonijiet u depozizzjonijiet ta’ Jason Cini .

Qieset l-oppozizzjoni ta’ l-Avukat Dottor Manwel Mallia ghall-ko-akkuzat Michael Salomone ghall-kull forma ta’ “editing” tad-depozizzjonijiet jew stqarrijiet tal-istess ko-akkuzat Salomone billi dan jista’ jippregudika l-pozizzjoni tieghu .

Ezaminat il-gurisprudenza li ghaliha ghamel riferenza l-abbli difensur ta’ l-akkuzat Cassar ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-eccezzjoni preliminari ta’ l-akkuzat Cassar, kif issa limitata ,tirrigwarda dawk il-brani tal-istqarrijiet u depozizzjonijiet tal-ko-akkuzat Salomone , fejn jissemma hu u li gew precizati bin-nota tieghu tas-6 ta’ Jannar, 2003 fuq imsemmija.

Illi sa zmien recenti il-prassi tal-Qrati Taghna kienet li kull stqarrija ta’ ko-akkuzat tithalla li tingieb quddiem il-gurija fl-intjerezza taghha anki fejn issemmi jew taghmel riferenza ghal xi ko-akkuzat iehor, bis-salvagward pero’ li l-Imhallef togat ikollu l-obbligu li jispjega sew lil gurija li dak li jghid ko-akkuzat fil-konfront ta’ ko-akkuzat iehor ma jistax jitqies bhala prova kontra l-istess ko-akkuzat iehor . [ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza “ir-Republika ta’ Malta vs. Alfred Zammit et.” deciza fl-10 t’Ottubru, 1979 u “ir-Republika ta’ Malta vs. zarena Calleja u Baskal Debono “ deciza fis-17 ta’ Gunju, 1987.

Pero’ kif issottometta l-abbli difensur tal-akkuzat Cassar , din il-prassi , ormai stabilita , giet skossjata sew b’gurisprudenza aktar recenti fis-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Jannar, 1994 fil-kawza “Ir-Republika ta’ Malta vs. Michael Bonnici et.” . Dik il-Qorti , wara li ppremettiet li - skond il-gurisprudenza precedenti kien jigi ritenut li tali “statements” jew konfessjonijiet , salv kwalunkwe attakk li jista’ talvolta isir kontra taghhom da parti tad-difiza fl-istadju ulterjuri , huma dokumenti rilevanti w regolarment esebiti w , bhala tali , l-gurati ghandhom id-

dritt kollu li jzommuhom quddiem ghajnejhom u li l-produzzjoni - kompriz il-qari u l-ghoti lill-gurati - tal-istqarrija jew konfessjoni ta' wiehed mill-ko-akkuzati w li tkun tinvolvi ko-akkuzat iehor li ma jkunx dak li ghamel l-istess stqarrija ma tmurx kontra l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi li konfessjoni ta' akkuzat ma tippregudikax lill-iehor , purche' li l-Qorti Kriminali, fl-indirizz taghha lill-gurati w talvolta anki qabel, tenuncja car dan il-principju ; ziedet tghid testwalment hekk :-

"*Din il-Qorti kif inghid , tara illi s-sitwazzjoni kif evoluta bis-sentenzi ta' dawn il-Qrati mibnija kif inhi fuq l-aspettativa tal-buon sens u tal-maturita' tal-gurati m'hijiex wahda pjacevoli u mhix wahda perfetta , u bejn li thalliha kif inhi u tbiddilha b'mod li filwaqt li tassikura li mill-istatement ma jinqata' xejn li jista' jinvolvi lil min jaghmlu , izda li fl-istess hin tassikura ukoll il-principju sancit fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jigi verament tutelat ,taghzel din l-ahhar triq . Jista' verament jaghti l-kaz li b'direzzjoni tajba da parti tal-Imhallef li jippresjedi l-guri u dato li l-gurati huma pronti jwarrbu dak li jkunu semghu , l-iskop tal-ligi jintlahaq l-istess;*
*pero' certament huwa aktar konducenti biex jigi assikurat li l-iskop tal-ligi verament jintlahaq u ma jkunx hemm dubju li l-gurati setghu gew influwenzati indebitament minn dak li jkun qal il- ko-akkuzat , jekk fi kwalunkwe stqarrija ta' ko-akkuzat tithalla barra kull riferenza li tista' tkun pregudizzjevoli ghall-ko-akkuzat/i iehor/ohrajn . Din il-Qorti bejn li tistrieh fuq il-buon sens tal-gurati li wara li jkunu semghu ko-akkuzat jinvolvi ko-akkuzat iehor jwarrbu dak li jkunu semghu u li l-istess gurati ma jigux esposti sa mill-bidu nett ghal dak l-involviment, thossha certa li din l-ahhar alternattiva hija aktar salutari u tirrispetta il-vot tal-ligi."*

Ghalhekk dik il-Qorti kienet laqghet l-appell u ordnat li mill-istqarrija/ijit ta' wiehed mill-akkuzati - kwantu jirrigwarda l-gurati - ghandha tinqata' kull riferenza li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-ko-akkuzat l-iehor u halliet f'idejn l-ewwel Qorti (il-Qorti Kriminali) biex tara li dan l-ezercizzju jsir bl-inqas pregudizzju ghall-integrita' tal-istqarrija w fl-

istess hin jigi epurat dak kollu li jkun pregudizzjevoli ghall-ko-akkuzat l-iehor.

Illi din il-Qorti , kif preseduta , ghalkemm ma hix daqshekk xettika dwar il-kapacita' tal-gurati - ben diretti mill-Imhallef togat - li jiskartaw kull riferenza ta' ko-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor , riferenza li wara kollox tista' dejjem issir waqt id-depozizzjoni guramentata quddiem il-gurija ta' dak il-ko-akkuzat partikolari - jekk jaghzel li jixhed - u li l-uniku rimedju , f'kaz li jigri dan , jibqa' dejjem wara kollox id-direzzjoni soda w emfatika tal-Imhallef togat li jippresjedi din l-Qorti biex jigi osservat il-principju enuncjat fl-artikolu 661 tal-Kap.9 , ikollha tbaxxi rasha ghall-precedent derivanti minn din is-sentenza ta' Qorti superjuri u ssegwieh .

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat Cassar , kif minnu limitata bin-nota tieghu tas-6 ta' Jannar, 2003 fuq imsemmija, billi tordna li f'kaz li jigu moqrija lill-gurati u/jew jigu moghtija lill-gurati kopji tal-istqarrijiet tal-akkuzat Michael Salomone tal-14 , 15 u 17 ta' Jannar, 1999, fil-qari ta' dawn l-istqarrijiet tigi maqbuza kull riferenza ghall-akkuzat Cassar kemm bl-ewwel isem tieghu , b'kunjomu jew bit-tnejn f'daqqa u li ukoll kull riferenza ghall-isem , kunjom jew l-isem u l-kunjom f'daqqa tal-istess akkuzat Cassar titnehha minn kull kopja tal-istess li tigi cirkolata lill-gurati u li minnflok jinqara u jidhol il-kliem "persuna ohra" , b'dana pero' li l-original tal-istess stqarrijiet jibqa' bla mittiefes u b'kull rizerva favur il-ko-akkuzat Michael Salomone li , fid-depozizzjoni guramentata tieghu - jekk jaghzel li jixhed fil-guri - jkun liberu li jsemmi l-fatti kollha rilevanti , nkluza kull riferenza ghal ko-akkuzat Cassar , b'dana li din il-Qorti jkollha dejjem mhux biss id-dritt imma ukoll l-obbligu li kemm waqt tali depozizzjoni , kif ukoll fl-indirizz lill-gurati , li tigbdilhom l-attenzjoni taghhom ghall-principju enuncjat fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali ; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-parti tal-eccezzjoni li tirrigwarda stqarrijiet u depozizzjonijiet tax-xhud Jason Cini in vista tan-nota ta' cessjoni tal-istess akkuzat Cassar tas-6 ta' Jannar, 2003.

Tiddifferixxi  l-kawza “sine die” sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali u , f’kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz , sabiex il-guri jigi appuntat ghas-smiegh skond meta jmissu t-turn tieghu skond il-ligi .

--------------------------------TMIEM--------------------------------